# Rajt il-Mellieħa Tinbidel

Anthony Caruana
Bandist Anzjan

Bħala membru tal-Kumitat fi ħdan din is-Soċjetà għal dawn l-aħħar tlieta u sittin sena kelli spiss l-okkażjoni li nikteb kelmtejn fil-ktejjeb li toħroġ is-Soċjetà fl-okkażjoni tal-Festa. Iżda mill-memorja tiegħi qatt ma kelli l-okkażjoni nesprimi l-ħsibijiet tiegħi dwar kif tul dawn is-snin kollha jien rajt u għext tibdil kbir f'dan ir-raħal tant għażiż għalina.

Twelidt fil-Mellieħa stess nhar l-14 ta' Marzu, 1924 jiġifieri, tmienja u tmenin sena ilu fi Triq il-Parroċċa fuq l-istess art fejn illum noqgħod. Dak iż-żmien niftakar Triq il-Parroċċa bla ebda tarmak anzi t-toroq kollha kienu mħarbtin. Ħafna tfal barra ħafjin u jilagħbu bil-boċċi. Dak iż-żmien il-Mellieħa kienet tikkonsisti biss f'madwar erba' toroq mill-*Main Road* sa Triq il-Mitħna l-Ġdida. Anki fil-pjazza tar-raħal l-art kienet magħmula mit-trab għalkemm il-parapett kien ġa jeżisti. In-nisa kienu għadhom jilbsu l-għonnella u l-irġiel kienu jilbsu s-sdieri u t-terħa.

Il-każin tal-Banda Imperial kien ġa jinsab fejn qiegħed illum imma l-bini kien wieħed antik u mhux il-bini maestuż li għandna llum. L-istess Każin kellu saħansitra bitħa u ġardina fejn kienu jsiru t-teatrini u xi *festivals* tal-kant. Niftakar iżda l-każin ta' La Vittoria fil-pjazza u mhux fuq il-parapett fejn jinsab illum.

Dak iż-żmien il-festa ta' Marija Bambina kienet tikkonsisti biss fi tlett ijiem. Iż-żewġ baned kienu jdoqqu f'kull jum tal-festa. It-toroq u l-każini għall-festa kienu jiżżejnu bil-fanali u dwal taż-żejt. Kien ikun hemm persuna inkarigata sabiex tixgħel dawn id-dwal kull jum tal-festa. Żgur li dak iż-żmien ma kinux jeżistu 'l ħafna attivitajiet li jsiru llum qabel il-festa fosthom BBQ's, kunċerti u affarijiet oħra. Nar tal-art minn dejjem niftakar iżda tal-ajru ma kienx ikollna. Dak iż-żmien ma niftakar l-ebda għaqda oħra fil-Mellieħa għall-kuntrarju tal-lum il-ġurnata.

Anki l-marċi ta' filgħodu dak iż-żmien ma kinux jeżistu. L-ekwivalenti tiegħu kienu jsiru lejlet il-festa mis-siegħa ta' wara nofsinhar sal-ħamsa ta' filgħaxija. Dan il-marċ kien jitlaq minn fejn is-Santwarju sal-Pjazza tal-Parroċċa. Kienet iddoqq banda waħda kull sena. Ma kienx ikun marċ bħal tal-lum u ma kienx ikun hemm nies jaqbżu quddiem il-Banda. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-festa kienet dejjem tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Settembru, data li mhux minn dejjem kienet rikonoxxuta bħala festa pubblika u allura ħafna nies kienu jkunu xogħol.

Dak iż-żmien fil-Mellieħa kienet issir ukoll il-festa ta' San Ġużepp li fiha l-baned kienu jdoqqu darba kull wieħed skont kif imisshom, kif għadha s-sistema llum fil-festa tas-Santwarju.

Illum il-ġurnata l-Mellieħa kibret u nbidlet, ftit li xejn baqa' minn dak li niftakar jien meta kont għadni żgħir għajr il-ftit binjiet li fadal fiż-żewġ pjazez u l-madwar. L-istess għamlet il-festa, kibret u qed tiġi ċċelebrata b'mod differenti, iżda ħaġa waħda baqgħet l-istess, l-istatwa ta' Marija Bambina li tant ngħożżu, li għalkemm kien sar xi restawr fiha, dan kien sar ferm qabel dak li niftakar jien.

Iżda l-awgurju tiegħi għall-festa qaddisa u mill-aqwa ma jinbidel qatt, il-festa t-tajba lil kulħadd u VIVA MARIJA BAMBINA.

